PROTOKOLL

dwar kooperazzjoni kulturali [1]

Billi,

BĦALA FIRMATARJI għall-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, adottata f'Parigi nhar l-20 ta' Ottubru 2005 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni tal-UNESCO"), li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007, il-Partijiet bihsiebhom jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni tal-UNESCO u jikkooperaw mal-qafas tal-implimentazzjoni tagħha, li tibni fuq il-prinċipji tal-Konvenzjoni u tiżviluppa azzjonijiet konformi mad-dispożizzjonijiet tagħha, notevolment l-Artikoli 14, 15 u 16 tagħha;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tal-industriji kulturali u n-natura multiformi tal-prodotti u s-servizzi kulturali bħala attivitajiet ta' valur kulturali, ekonomiku u soċjali;

FILWAQT LI JFAKKRU li l-għanijiet ta' dan il-Protokoll huma kkomplementati u appoġġjati minn strumenti politiċi eżistenti u futuri ġestiti f'oqfsa oħra, bil-ħsieb li:

(a) jissaħħu l-kapaċitajiet u l-indipendenza tal-industriji kulturali tal-Partijiet;

(b) jippromwovu kontenut kulturali lokali u reġjonali;

(c) jagħrfu, iħarsu u jippromwovu d-diversità kulturali bħala kundizzjoni għal djalogu li jirnexxi bejn il-kulturi;

(d) jagħrfu, jipproteġu u jippromwovu l-wirt kulturali, kif ukoll jippromwovu l-għarfien tiegħu minn popolazzjonijiet lokali u jagħrfu l-valur tiegħu bħala mezz ta' espressjoni ta' identitajiet kulturali.

FILWAQT LI JENFASIZZAW l-importanza għall-faċilitazzjoni ta' kooperazzjoni kulturali bejn il-Partijiet u għal dik il-fini biex iqisu, fuq bażi ta' każ każ, *inter alia*, il-grad ta' żvilupp tal-industriji kulturali tagħhom, il-livell u l-iskwilibri strutturali tal-iskambji kulturali u l-eżistenza ta' skemi preferenzjali għall-promozzjoni ta' kontenut kulturali lokali jew reġjonali;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW it-Titolu VIII (Kooperazzjoni Kulturali u Awdjoviżiva) tal-Parti III ta' dan il-Ftehim u filwaqt li jixtiequ jiżviluppaw kooperazzjoni ulterjuri;

FILWAQT LI JINNUTAW it-twaqqif ta' Sottokumitat għall-Kooperazzjoni fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 8 tat-Titolu II (Qafas Istituzzjonali) tal-Parti I ta' dan il-Ftehim, għandu jinkludi uffiċjali li għandhom kompetenza fi kwistjonijiet u prassi kulturali, meta jittrattaw mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 1

Ambitu, Għanijiet u Definizzjonijiet

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, dan il-Protokoll jistabbilixxi l-qafas li l-Partijiet iridu jikkooperaw fi ħdanu għall-faċilitazzjoni tal-iskambji rigward l-attivitajiet, il-prodotti u s-servizzi kulturali, inkluż *inter alia* fis-settur awdjoviżiv.

2. Filwaqt li jippreservaw u jiżviluppaw ulterjorment il-kapaċità tagħhom biex jelaboraw u jimplimentaw il-politiki kulturali tagħhom, bil-ħsieb li jħarsu u jippromwovu d-diversità kulturali, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkollaboraw sabiex itejbu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-iskambji tagħhom ta' attivitajiet, prodotti u servizzi kulturali u jindirizzaw skwilibrji li jista' jkun li jeżistu, u jiżguraw skambji kulturali usa' u iktar ekwilibrati.

3. Il-Konvenzjoni tal-UNESCO hija r-referenza għad-definizzjonijiet u l-kunċetti kollha użati f'dan il-Protokoll. Barra minn hekk, għall-fini ta' dan il-Protokoll, u b'mod partikolari tal-Artikolu 3, "artisti u prattikanti u professjonisti kulturali oħrajn", kif imsemmi fl-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO, tkopri persuni naturali li jieħdu sehem f'attivitajiet kulturali, jipproduċu prodotti kulturali jew jipparteċipaw fil-provvista diretta tas-servizzi kulturali.

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI

Artikolu 2

Skambji u djalogu kulturali

1. Il-Partijiet għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kapaċitajiet tagħhom biex jiddeterminaw u jiżviluppaw il-politiki kulturali tagħhom u jqawwu l-iskambju ta' opportunitajiet għal prodotti u servizzi kulturali tal-Partijiet, inkluż permezz ta' trattament preferenzjali, fejn applikabbli b'konformità mal-leġiżlazzjonijiet domestiċi tal-Partijite rispettivi.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex irawmu l-iżvilupp ta' fehim komuni u skambju ta' informazzjoni msaħħaħ dwar kwistjonijiet kulturali u awdjoviżivi permezz ta' djalogu bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali, inkluż dwar prassi tajba fil-qasam tal-harsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jkunu rilevanti għal dan il-Protokoll. Dan id-djalogu se jseħħ fl-ambitu tal-mekkaniżmi stabbiliti fil-Ftehim kif ukoll f'forums rilevanti oħra, kif u meta jkun xieraq.

[1] Ma hemm xejn f'dan il-Protokoll li għandu jkun suġġett għat-Titolu X (Soluzzjoni għat-Tilwim) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Artisti u prattikanti u professjonisti kulturali oħrajn

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jiffaċilitaw, b'konformità mal-leġiżlazzjonijiet domestiċi rispettivi tagħhom, id-dħul u l-alloġġ temporanju fit-territorju tagħhom tal-artisti u l-prattikanti u l-professjonisti kulturali l-oħrajn mill-Parti l-oħra, li jkunu jew:

(a) artisti, atturi, tekniċi u prattikanti u professjonisti kulturali oħrajn mill-Parti l-oħra involuta fil-ġbid ta' films ċinematografiċi jew programmi tat-TV; jew

(b) artisti u prattikanti u professjonisti kulturali oħrajn bħall-artisti viżivi, tal-plastiku u tal-ispettaklu u l-edukaturi, il-kompożituri, l-awturi, min jagħti servizzi ta' divertiment u prattikanti u professjonisti simili oħrajn mill-Parti l-oħra involuta fl-attivitajiet kulturali bħall-irreġistrar tal-mużika jew il-kontribuzzjoni ta' parti attiva għall-avvenimenti kulturali bħall-fieri litterarji u affarijiet simili,

sakemm:

(a) ma jkunux marbutin fil-bejgħ jew il-provvista ta' dawn is-servizzi u ma jistgħu jirċievu l-ebda rimunerazzjoni minn sors li jinsab fil-Parti fejn qed ikunu joqogħdu temporanjament; u

(b) ma jkunux impenjati fil-provvista ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn persuna ġuridika, li ma għandha l-ebda preżenza kummerċjali fil-Parti fejn l-artist jew prattikant jew professjonist kulturali ikunu qed joqogħdu temporanjament, u konsumatur f'din Parti.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jiffaċilitaw, b'konformità mal-leġiżlazzjonijiet domestiċi rispettivi tagħhom, it-taħriġ ta', u iżjed kuntatti bejn artisti u l-prattikanti u l-professjonisti kulturali l-oħrajn bħal:

(a) prodotturi teatrali, gruppi ta' kantanti, membri ta' baned u orkestri;

(b) awturi, kompożituri, skulturi, entertainers u artisti individwali oħrajn;

(c) artisti u prattikanti u professjonisti kulturali oħrajn li jipparteċipaw fil-provvista diretta ta' ċirkli, parks ta' divertiment u servizzi ta' attrazzjoni simili;

(d) artisti u prattikanti u professjonisti kulturali oħrajn li jipparteċipaw fil-provvista diretta ta' servizzi ta' swali tal-ballu, diskoteki u għalliema taż-żfin.

Artikolu 4

Għajnuna teknika

1. Il-Parti tal-UE għandha tagħmel l-almu tagħha biex tipprovdi għajnuna teknika lir-Repubbliki tal-Parti CA bl-għan li tgħinhom fl-iżvilupp tal-industriji u l-iżvilupp kulturali tagħhom, u l-implimentazzjoni tal-politiki kulturali, u fil-promozzjoni tal-produzzjoni u l-iskambju tal-prodotti u s-servizzi kulturali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw, inkluż billi jiffaċilitaw issostenn permezz ta' miżuri differenti, *inter alia*, taħriġ, skambju ta' informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi u konsulenzi fl-elaborazzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni kif ukoll fl-użu u t-trasferiment ta' teknoloġiji u kompetenzi. Għajnuna teknika tista' tiffaċilita wkoll kooperazzjoni bejn kumpaniji privati, għaqdiet nongovernattivi kif ukoll sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat.

TAQSIMA B

DISPOŻIZZJONIJIET SETTORJALI

Artikolu 5

Servizzi awdjoviżivi inklużi ċinematografiċi, kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu n-negozjati ta' ftehimiet ta' koproduzzjoni ġodda u l-implimentazzjoni ta' oħrajn eżistenti bejn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew bosta minnhom u Repubblika tal-Parti CA jew bosta minnhom.

2. Il-Partijiet, b'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika rispettiva, għandhom jiffaċilitaw l-aċċess ta' koproduzzjonijiet bejn produttur jew bosta ta' Parti tal-UE u produttur jew bosta mir-Repubbliki tal-Parti CA għas-swieq rispettivi tagħhom, permezz ta' miżuri xierqa inklużi l-organizzazzjoni ta' festivals, seminars u inizjattivi simili.

3. Kull Parti għandha tħeġġeġ kif xieraq il-promozzjoni tat-territorju tagħha bħala post tajjeb għall-ġbid ta' films ċinematografiċi u programmi tat-TV.

4. Il-Partijiet għandhom, b'konformità mal-leġiżlazzjonijiet domestiċi, jeżaminaw u jippermettu l-importazzjoni jew l-ammissjoni temporanja, kif applikabbli, tal-materjal u t-tagħmir tekniku neċessarju biex isir il-ġbid ta' films ċinematografiċi u programmi tat-TV minn prattikanti u professjonisti kulturali mit-territorju ta' Parti fit-territorju ta' Parti oħra.

Artikolu 6

L-arti tal-ispettaklu

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw, b'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika rispettiva tagħhom, inkluż billi jiġu ffaċilitati iżjed kuntatti bejn il-prattikanti tal-arti tal-ispettaklu f'oqsma bħal skambju u taħriġ professjonali, *inter alia* parteċipazzjoni fl-awdizzjonijiet, l-iżvilupp ta' netwerks u l-promozzjoni ta' netwerking.

2. Il-Partijiet għandhom iħeġġu produzzjonijiet konġunti fl-oqsma tal-arti tal-ispettaklu bejn produtturi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew bosta minnhom u Repubblika tal-Parti CA jew bosta minnhom.

3. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' standards teknoloġiċi teatrali internazzjonali u l-użu ta' sinjali tal-palk teatrali. Huma għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni lejn dan l-għan.

Artikolu 7

Pubblikazzjonijiet

Il-Partijiet qablu li jikkooperaw, b'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika tagħhom, inklużi billi jiffaċilitaw l-iskambju tal-pubblikazzjonijiet tal-Parti l-oħra u t-tqassim tagħhom f'oqsma bħal:

(a) l-organizzazzjoni ta' fieri, seminars, avvenimenti litterarji u avvenimenti simili oħra relatati mal-pubblikazzjonijiet, inklużi strutturi mobbli għall-qari pubbliku;

(b) il-faċilitazzjoni ta' kopubblikazzjonijiet u traduzzjonijiet;

(c) il-faċilitazzjoni ta' skambji professjonali u taħriġ għal librara, kittieba, tradutturi, bejjiegħa tal-kotba u pubblikaturi.

Artikolu 8

Protezzjoni ta' siti u monumenti storiċi

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw, inkluż billi jiffaċilitaw l-appoġġ biex jitħeġġu skambji ta' għarfien espert u l-aqwa prassi rigward il-protezzjoni ta' siti u monumenti storiċi, filwaqt li titqies il-missjoni ta' wirt dinji tal-UNESCO. Dan jinkludi faċilitazzjoni tal-iskambju tal-esperti, kollaborazzjoni fit-taħriġ professjonali, konsapevolezza tal-partijiet lokali u konsulenzi dwar il-ħarsien tal-monumenti storiċi u l-ispazji protetti u dwar il-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri relatati mal-wirt, b'mod partikolari l-integrazzjoni tagħhom fil-ħajja lokali. Kooperazzjoni ta' dan it-tip għandha tikkonforma mal-leġiżlazzjoni domestika rispettiva tal-Partijiet.

TAQSIMA C

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet finali

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw bejn il-Parti tal-UE u kull Repubblika tal-Parti CA millewwel jum tax-xahar wara d-data ta' meta dik ir-Repubblika tal-Parti CA tkun iddepożitat l-istrument ta' ratifikazzjoni tagħha tal-Konvenzjoni tal-UNESCO.

2. Jekk ir-Repubbliki kollha tal-Parti CA jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifikazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni tal-UNESCO qabel l-iskambju ta' notifiki msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 353 tal-Parti V (Dispożizzjonijiet Finali) ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.